**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 269/2020 AF**

**Rabbit Entertainment Limited (C-66436)**

**vs**

**Is-socjetà estera Digitsimplex Limited registrata l-Bulgarija u ggib in-numru ta' registrazzjoni 205342593**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Rabbit Entertainment Limited, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Permezz ta' kuntratt datat l-1 ta' Jannar 2019, il-partijiet ftehmu illi jidhlu f'Marketing Cooperation Agreement skond it-termini u kundizzjonijiet delineati fl-anness kuntratt li qed jigi mmarkat Dok. RE1.

Effettivament il-kuntratt dahal fis-sehh fl-14 ta' Jannar 2019, tant illi l-operat tas-servizzi rezi beda minn dak in-nhar, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Nonostante li s-socjetà intimata kienet qeghda topera hija naqqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali taghha relattivi ghall-hlas ta' pagamenti dovuta lis-socjetà rikorrenti ai termini tal-Artikolu 3 tal-kuntratt citat.

Kif jirrizulta mill-annessi fatturi li qed jigu mmarkati Dok. RE 2-8, is-socjetà rikorrenti hija kreditrici tas-socjetà intimata fis-somma ta' €366,665.63 (tlett mija u sitta u sittin elf u sitt mija u hamsa u sittin Ewro u tlieta u sittin centemzu).

Minkejja interpellata sabiex thallas l-ammont minnha dovuta permezz ta' ittra ufficcjali li ggib in-numru 408/2020, debitament notifikata fl-14 ta' Frar 2020, s-socjetà intimata baqghet inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi s-socjetà konvenuta hija debitrici tas-socjetà attrici fis-somma ta' €366,665.63 (tlett mija u sitta u sittin elf u sitt mija u hamsa u sittin Ewro u tlieta u sittin centemzu) rapprezentanti pagamenti/fees dovuta ghal servizzi rezi da parti tas-socjetà rikorrenti kif intqal fuq.

2. Tordna u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €366,665.63 (tlett mija u sitta u sittin elf u sitt mija u hamsa u sittin Ewro u tlieta u sittin centemzu), dovuta lis-socjetà rikorrenti, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali numru 408/2020 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali dekoribbli mid-data tan-notifika 408/2020, u cioè, l-14 ta' Frar 2020, sal-jum tal-effettiv pagament kontra s-socjetà konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li s-socjetà intimata baqghet ma ressqet ebda twegiba minkejja d-debita notifika lilha skond il-ligi.

Semghet xhud viva voce.

Rat l-atti kollha.

Rat li s-socjetà ma pprezentat ebda sottomissjonijiet finali minkejja li giet moghtija din il-fakoltà.

Qieset l-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati illi l-kontumacja ma titqiesx bhala ammissjoni tat-talba u jibqa' jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi t-talba tieghu hija misthoqqa.

Fil-kaz in ezami il-Qorti tqis illi dan l-oneru gie sodisfatt.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi s-socjetà konvenuta hija debitrici tas-socjetà attrici fis-somma ta' €366,665.63 (tlett mija u sitta u sittin elf u sitt mija u hamsa u sittin Ewro u tlieta u sittin centemzu) rapprezentanti pagamenti/fees dovuta ghal servizzi rezi da parti tas-socjetà rikorrenti kif intqal fuq, u

Tilqa' t-tieni talba u tordna u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €366,665.63 (tlett mija u sitta u sittin elf u sitt mija u hamsa u sittin Ewro u tlieta u sittin centemzu).

Bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjetà intimata.

IMHALLEF

DEP/REG